

2) VF International Sagl hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 339, 12.10.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17. Novembru 2021 – Guasch Pubill vs EUIPO – Nap-Kings  
(Bjankerija għall-mejda)**

(Kawża T-538/20) (<sup>1</sup>)

*(“Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta bjankerija għall-mejda – Żvelar ta’ disinn preċedenti – Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Raġuni għal invalidità – Assenza ta’ karattru individwali – Artikolu 6 u Artikolu 25(1) (b) tar-Regolament Nru 6/2002 – Inammissibbiltà tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Artikolu 52 (3) tar-Regolament Nru 6/2002”)*

(2022/C 24/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Marcos Guasch Pubill (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: R. Guerras Mazón u M. Centell Ribas, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Nap-Kings, SL (Madrid, Spanja) (proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità rappreżentant: A. Otero Iglesias, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta’ Ġunju 2020 (Każ R 1051/2019-3), dwar bejn Nap-Kings u M. Guasch Pubill

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Marcos Guasch Pubill huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 359, 26.10.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta’ Novembru 2021 – Jeronimo Martins Polska vs EUIPO – Rivella  
International (Riviva)**

(Kawża T-551/20) (<sup>1</sup>)

*(“Trade Mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Riviva – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti RIVELLA – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Ċaħda parzjali tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu (8)1)(b) tar-Regolament (KE) 2017/1001) – Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti – Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) 2017/1001)”)*

(2022/C 24/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Jeronimo Martins Polska S.A. (Kostrzyn, il-Polonja) (rappreżentant: R. Skubisz, avukat)